

Hem>Domstolsförfaranden>Brottmål>Ömsesidigt erkännande av rättsliga avgöranden>Ömsesidigt erkännande av bötesstraff

Obs. Nyligen ändrades ursprungsversionen på [en](#) av den här sidan. Våra översättare håller på att översätta den nya sidan till svenska.

[franska](#)

Översättningen till är dock redan färdig.

Swipe to change

Rikonoximent reċiproku tal-penalitajiet finanzjarji

Il-prinċipju ta' rikonoximent reċiproku jkopri wkoll l-eżekuzzjoni ta' pieni finanzjarji f'kawżi transfruntieri billi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-pieni tkun iffaċilitata fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat fejn ġew imposti l-pieni.

Det finns ingen officiell översättning av den språkversion du tittar på.

Här kommer du till en maskinöversatt version av innehållet. Maskinöversättningen tillhandahålls enbart för att bidra till förståelsen av texten. Ägaren av sidan tar inget som helst ansvar för kvaliteten på den maskinöversatta texten.

-----svenska-----maltesiskanederländskapolskarumänskasklovakiskaslovenska

Il-liġi tal-UE, jiġifieri **d-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI**, tapplika l-prinċipju tar-rikonoximent reċiproku tal-pieni finanzjarji, li jippermettu li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tittrażmetti piena finanzjarja direttament lil awtorità f'pajjiż ieħor tal-UE u li dik il-piena tiġi rikonoxxuta u eżegwita mingħajr ebda formalità oħra.

Il-prinċipju japplika għar-reati kollha li jistgħu jingħataw piena finanzjarja u kontrolli ta' kriminalità doppja huma aboliti fir-rigward ta' 39 reat elenkat (eż. parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, terroriżmu, traffikar ta' bnedmin, stupru, serq, reat tat-traffiku fit-triq). Il-pieni jridu jkunu imposti mill-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi tal-Istati Membri u din id-deċiżjoni trid tkun finali, jiġifieri ma jkun hemm l-ebda possibbiltà oħra ta' appell mid-deċiżjoni.

Deċiżjoni, flimkien ma' **ċertifikat PDF (107 Kb)** [en](#) kif previst fid-Deċiżjoni Kwadru tista' tiġi trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun ittieħdet deċiżjoni kontriha jkollha proprjetà jew introjtu, fejn tkun normalment residenti jew fejn ikollha is-sede rreġistrata tagħha. Kull Stat Membru jinnomina awtorità (jew iktar) li tkun kompetenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-ġestjoni tat-trażmissjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-impożizzjoni ta' pieni finanzjarji f'kawżi transfruntieri.

L-istat li d-deċiżjoni tkun ġiet trażmessa lilu jista' biss jirrifjuta li jeżegwixxi d-deċiżjoni f'każijiet limitati (eż. jekk iċ-ċertifikat stipulat ma jkunx ġie prodott jew ma jkunx komplut; il-piena finanzjarja tkun inqas minn EUR 70; il-persuna kkonċernata ngħatat limiti għal rimedju legali eċċ.). L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni hija rregolata mil-liġi tal-istat ta' eżekuzzjoni. Hija tista' timponi priġunerija jew pieni oħrajn previsti mil-liġi nazzjonali f'każ ta' nuqqas ta' rkupru tal-piena finanzjarja. Il-flus miksuba mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet jinbqgħu għand l-istat ta' eżekuzzjoni, sakemm l-Istati Membri rispettivi ma jkunux qablu mod ieħor.

Blex tikseb iktar informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni minn Stati Membri differenti ikklikkja [hawnhekk](#) (u tiġi ridirett għall-paġna ddedikata tan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali**).**

L-aħħar aġġornament: 22/01/2019

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.